# Fuq il-Passi ta' Miruzzi



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ktieb tal-festa tas-sena li għaddiet kont laqqajtkom mas-Surmast Antonio Miruzzi li mexxa lis-Soċjetà Filarmonika 'Nicolò Isouard' bejn l-1894 u l-1909. Dan għamiltu fl-okkażjoni tal-150 anniversarju mit-twelid tiegħu. Is-sena d-dieħla wkoll l-istess surmast ser jagħlaq 75 sena minn mewtu. Għaldaqstant inħoss li għandi nibqa' nżommkom aġġornati dwar ħajjet u ħidmet das-surmast li jiena sejjaħtlu 'r-re tal-baned Maltin fl-ewwel tliet deċennji tas-seklu għoxrin'. B'dal-iskop f'rasi xtaqt nikteb artiklu li fih inġib biżżejjed prova li biha nkun nista' mmeri d-data tat-twelid tiegħu li s'issa dejjem emminna li kienet il-waħda t-tajba. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil Mons. Richard Borg B.A., Lic.D., Naxxari bħali, tal-informazzjoni li għoġbu jgħaddili wara riċerka li għamel fir-reġistru parrokkjali tal-Furjana fejn kien Arċipriet.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, Dun Ġann-Anton Vidal, Dun Manwel Borg, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).



Is-surmast Antonio Miruzzi
(10.3.1867-23.10.1944)

Kull darba li kont niġi biex nikteb xi ħaġa dwar ħajjet is-surmast Antonio Miruzzi mhux dejjem sibt l-informazzjoni kollha li xtaqt mill-kotba. Il-fatt biss li Miruzzi twieled fit-tieni nofs tas-seklu 19 u miet fl-ewwel nofs tas-seklu 20 diġà jagħmilhielek diffiċli ħafna għalbiex tikseb xi forma ta' dokumentazzjoni. Hemm ċerti kotba oħrajn, bħal ngħidu aħna *Musica e Musicisti in Malta: Saggio* (1932) - Dr. U. Rolandi, *Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bierah u tal-Lum* (1951) u *Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali* (1960) - R. Mifsud Bonnici, u *The Great Maltese Composers – Historical Context, Lives, and Works* (2016) - J. Vella Bondin, li kważi jew xejn ma jġibu dwaru. Madankollu nistqarr li l-kitbiet ta' J. Mifsud Matrenza (1918-2013), l-istorjografu ewlieni tal-Banda Ġużeppina Ħamruniża, sibthom t'għajnuna kbira għax kif jgħid hu stess: 'Jiena kelli bosta okkażjonijiet li nitkellem miegħu dwar il-ħajja mużikali tiegħu u kont niskanta kif kien isib ħin għat-tagħlim tal-istudenti, għall-kunċerti (provi) tal-allievi, għat-tħejjijiet ta' programmi u għal mijiet ta' kompożizzjonijiet mużikali li kiteb'.[1]

Għad li Mifsud Bonnici fil-ktieb *Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex* (1956) isemmih darbtejn b'ismu f'paġni 62 u 64 ma jsemmix id-data ta' twelidu. Jidher li kien Mro. M. Chircop li ħareġ għall-ewwel darba bid-data żbaljata fl-artiklu *Tifkira tas-Surmast A. Miruzzi* (*In-Nazzjon Tagħna* 26 ta' Jannar 1972) wara li kien intervista lil bint Miruzzi[2]. L-istess Chircop kompla jżejjen l-affari meta qal li: 'Fil-ħajja ta' Miruzzi nsibu koinċidenza ma' surmast kbir Taljan, Giuseppe Verdi. Dawn it-tnejn twieldu fl-10 ta' Ottubru però Miruzzi fl-1867 (54 sena wara Verdi)'. Agħar minn hekk, Mifsud Matrenza, fl-artiklu *Maestro Antonio Miruzzi: mill-Arkivju tas-Soċjetà,* (ktieb tal-festa San Gejtanu 1994, pġ. 235 – 247) ta mhux biss ix-xahar, imma anki s-sena ħażina meta qal li twieled fl-1866. Minn wara Chircop, id-data tat-

[1] Festa San Gejtanu 1994, p. 247.
[2] Mro. Miruzzi kellu tlitt ulied, żewġ subien u tifla.

twelid ta’ Miruzzi baqgħet titniżżel dejjem ħażin peress li ħadu t-tagħrifa minn fuqu: *Is-Surmast Antonio Miruzzi* (1996) – J. C. Camilleri; *‘La Valette’ Soċjetà Filarmonika Nazzjonali: L-Ewwel Mitt Sena Storja* (1994) - Kan. J. Ciarlò, *Erbatax-il Profil ta’ Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin* (1998) u *Ġrajjiet is-Soċjetà Mużikali u Filarmonika ‘Leone’, Għawdex: Għeluq il-150 mit-twaqqif* (2012) – G. A. Grech, *Il-Mużika ta’ Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin* (2000) – J. Vella Bondin, *Għaqda Mużikali Sant’ Andrija – Twelidha u Ġrajjietha* (2008) – J. Grech. Dawn li naf bihom jien.



Dun Ġann-Anton Vidal – it-tieni kappillan tal-Furjana (1848 - 1867)

S’issa dejjem kien magħruf ma’ min hu midħla tal-baned, speċjalment dawk li tagħhom Miruzzi kien surmast, li hu twieled fix-xahar t’Ottubru. Iżda ċ-ċertifikat li nħariġli dal-aħħar mill-Parroċċa ta’ San Publju tal-Furjana juri mod ieħor fejn it-tagħrif ta’ ġo fih mhux għajr estratt mill-oriġinal tar-Reġistru tal-Magħmudija u għaldaqstant ħadd ma jista’ jmerih. It-timbru fuq iċ-ċertifikat iġib id-data tat-13 ta’ Settembru 2017 u hu ffirmat minn idejn l-Arċipriet. Fih insibu li Mro. Antonio Miruzzi fil-fatt twieled il-Furjana nhar l-**10 ta’ Marzu 1867** u ġie mgħammed dakinhar stess mill-Viċi-Parroku Dun Manwel Borg fin-nuqqas Dun Ġann-Anton Vidal, it-tieni kappillan tal-Furjana. Dan ġara peress li Dun Vidal kien waqaf jamministra s-sagramenti minħabba li beda jħoss it-toqol tal-mard. Infatti, minn nofs Jannar 1867 ‘il quddiem il-Viċi Borg daħal bħala Vigarju Kurat, bil-piż kollu li dil-kariga ġġib magħha.

Minbarra l-isem prinċipali ta’ Antonio, ngħatawlu ħames ismijiet tal-magħmudija oħra: Mario, Carmel, Joseph, Saviour, u m’għandnix xi ngħidu, Publius. Huwa kien jiġi iben Joseph Miruzzi u Michaela Brincat. Grazzi għar-riċerka li għoġbu jagħmilli l-Mons. Dun Richard Borg, li sa dak iż-żmien kien għadu Arċipriet tal-Furjana, sibna li Antonio fil-fatt kien it-tieni wild fost erbat aħwa: M(ario) Carmelo Marozzo (ħuh il-kbir) – 8 ta’ Ġunju 1865, Carmel Miruzzi (sentejn iżgħar minnu) – 5 ta’ Diċembru 1869, u Maria Marozzi (oħthom iż-żgħira) – 20 ta’ Settembru 1871. L-erbat aħwa kollha ġew mgħammdin fl-istess jum illi fih twieldu. Dun Richard serraħli moħħi li għalkemm M(ario) Carmelo u Maria għandhom kunjomhom imniżżel xi ftit differenti mill-kunjom kif nafuh aħna, l-ismijiet tal-ġenituri tagħhom huma l-istess bħal t’Antonio u Carmelo. Nafu wkoll, li Antonio ma tantx kien gawda ‘l ommu u ‘l missieru peress li dawn mietu meta hu kien għadu ta’ xi sitt snin u daħħluh f’Orfanatrofju l-Belt Valletta. Wisq probabbli li ħutu wkoll messhom l-istess xorti u kellhom jissieħbu f’dad-dejr għall-iltiema, speċjalment is-subien, għax Maria kienet għadha tarbija ta’ xi sena u diffiċli tgħid min kien ħa l-kustodja tagħha. Li nafu żgur hu li l-erbat aħwa kellhom liz-ziju Pawlu (2.iii.1852–6.v.1888) min-naħa tal-missier, imwieled il-Belt. Antonio kien tgħallem il-mużika mingħandu peress li dan kien surmast-



ĊERRTIFIKAT TAL-MAGĦMUDUJA

*Certificate of Baptism*

Estratt mill-oriġinal tar-Reġistru tal-Magħmudija
tal-Parroċċa ta’ SAN PUBLJU FLORIANA MALTA

From tha original kept at the Parish of St Publius Floriana Malta

Isem / Name: Antonio, Mario, Carmel, Joseph, Saviour, Publius

Iben/bint / Son/daughter of: Joseph Miruzzi

u / and: Michaela nee Brincat

Imwieled/da / Born at: Floriana Malta

f’ / on the: 10th March 1867

u mgħammed/da / and baptised: 10th March 1867

minn / by: Fr. Emanuel Borg

Niċċertifika li dan kollu jaqbel mas-sewwa
I certify that the above is true and correct

Data / Date: 13.09.2017

Arċipriet/Parish Priest

Ċertifikat tal-magħmudija ta' Mro. Antonio Miruzzi

direttur tal-banda ‘La Valette’ tal-Belt Valletta bejn is-snin 1885-8 u li kien miet ukoll qasir il-għomor fl-età ta’ 36 wara marda twila li kienet ħakmitu. Jista’ jkun li min-naħa ta’ missierhom kien hemm ukoll ċertu Domenico li qajla nafu xi ħaġa dwaru ħlief li kien għal xi żmien qasir surmast tal-banda ‘La Pace’ tan-Naxxar lejn l-aħħar tas-seklu dsatax.

**Dal-artiklu għandu mela jneħħi kull dubju dwar id-data preċiża li fiha twieled Mro. Antonio Miruzzi. Għaldaqstant, mil-lum ‘il quddiem, kulmin jitħajjar jikteb xi ħaġa fuq ħajtu u/jew ħidmietu għandu jniżżel dejjem dad-dati li ġejjin wara ismu: 10.iii.1867–23.x.1944.**

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Mostin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta’ Santa Marija li ta’ kull sena tiġi solennement iċċelebrata fil-Mosta, kif wkoll fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mit-twaqqif tal-UM ‘Ġ.F. Abela’ Junior College Orchestra A.D. 1998 taħt il-bakketta tiegħi.